Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 208 :: SETTEMBRU 2013

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm il-**Ħadd, 22 ta' Settembru, 2 pm,** fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu.
Minħabba li f'dan ix-xahar se jkollna l-Programm Mużiko-Letterarju mhux se jkollna laqgħa għax-xahar ta' Settembru u allura l-laqgħa li tmiss tkun fil-25 t'Ottubru.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## *Press release:* L-ALLA TAL-ĦERBA

Wara s-suċċess kbir li kellha l-kummiedja ta' Yasmina Reza, Le dieu du carnage / L-Alla tal-Ħerba, fit-Teatru San Ġakbu, il-Belt Valletta f'Novembru tas-sena l-oħra, id-Dar tal-Pubblikazzjoni FARAXA għadha kemm ħarġitha fi ktieb mill-isbaħ fis-sensiela ta' traduzzjonijiet li issa daħlet fil-ħames waħda. Din it-traduzzjoni mill-Franċiż tal-Professur Toni Aquilina, mid-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni fl-Università ta' Malta għandha sservi biex iġġedded il-memorja ta' dawk li diġà rawha fuq il-palk imtella' b'tant maestrija minn Lino Farrugia u l-ħafna oħrajn li baqgħu b'xiber imnieħer.

Yasmina Reza, awtur u drammaturgu, hi qabelxejn attriċi. Ix-xogħlijiet tagħha jirriflettu r-rabta bejn l-attur u l-kitba. Hekk stqarr Don Leavitt dwar dil-kittieba Franċiża ta' fama mondjali. Id-djalogu li tikteb jaqta' fil-laħam il-ħaj; taf x'ħila għandhom l-atturi meta jirreċtaw ir-rwoli tagħhom. Illum hija meqjusa bħala figura importanti fit-teatru ta' tmiem is-seklu għoxrin u bidu tal-wieħed u għoxrin.

Yasmina Reza twieldet Pariġi, bint vjolinista Ungeriż u negozjant ta' oriġini Russo-Iranjana. It-talenti tagħha xaqilbu mill-ewwel lejn il-letteratura u d-drama. Studjat it-teatru fl-Università ta' Pariġi f'Nanterre u aktar tard għamlet kors intensiv fl-iskola tad-drama magħrufa, dik ta' Jacques Lexoq. Bħala attriċi fi Franza Yasmina ħadmet partijiet kemm kontemporanji kif ukoll klassiċi; fl-intervalli bejn xogħol u ieħor bdiet tikteb id-drammi tagħha stess. L-ewwel dramm kien Taħdita wara Funeral fl-1987 li mill-ewwel rebaħ il-Premju Molière għall-Aħjar Awtur. Kitbet ukoll skritti għaċ-ċinema u ippubblikat għadd ta' rumanzi fl-Istati Uniti, il-Ġappun u l-Amerka Latina barra sintendi fl-Ewropa. Sentejn ilu idderiġiet l-ewwel film tagħha Chicas li fih dehret l-attriċi famuża Franċiża Emmanuelle Seigner.

L-akbar suċċess madankollu Reza kisbitu bix-xogħol Art fl-1995 li ġa daħħal fuq $300 miljun barra għadd ta' premjijiet oħra fosthom tlieta Molière; għall-Aħjar Kummiedja Laurence Olivier fl-1997; u dak Tony għall-Aħjar Dramm sena wara.

Qiesu Reza ma setetx tagħti pass ħażin! Fl-1995 ħarġet ukoll ir-raba' dramm, Ir-Raġel Mhux Mistenni u Il-Ħajja X 3 fis-sena 2000. Dramm Spanjol deher fl-2004 waqt li l-aħħar xogħol tagħha Comment vous racontez la partie ġie ippubblikat is-sena li għaddiet u se jittella' dax-xahar t'Ottubru fid-Deutsche, Berlin.

Fl-2006 L-Alla Ħerba kisbet suċċess kbir meta ttellgħet Zurich u sentejn wara Pariġi bl-attriċi Isabelle Huppert. Maqluba għall-Ingliż minn Christopher Hampton fl-istess sena ttellgħet fuq il-palk tal-Gielgud Theatre, Londra. Fl-2011 Roman Polanski idderieġa Carnage bl-atturi magħrufa Jodie Foster u Kate Winslet. F'dil-kummiedja Reza tuża l-formula tipika tagħha: tqaxxar grupp ta' karattri mill-klassi tan-nofs tas-soċjetà u tikxfilhom għawarhom. F'dal-każ il-farsa tirbaħ u l-ispettaturi jieħdu gost aktar.

Qabel jiftaħ is-siparju żewġt itfal, Ferdinand u Bruno, ikollhom argument sħun; Ferdinand itajjar żewġ sinniet ta' sieħbu b'biċċa għuda. Dak in-nhar filgħaxija il-ġenituri tat-tfal jiltaqgħu biex fil-kalma jiddiskutu bil-pulit il-kwistjoni kollha. Missier Ferdinand, Alain, hu avukat, aktar fuq il-mobajl milli jargumenta filwaqt li martu, Annette, moħħha biex tiddandan bil-flus ta' żewġha. Missier Bruno, Michel, hu kummerċjant, ommu marida. Martu, Véronique, kittieba. Aktar ma jgħaddi l-ħin aktar il-laqgħa ta' bejniethom tiddeġenera u l-argumenti tagħhom isiru bla sens.

Il-verżjoni Maltija tradotta direttament mill-Franċiż minn Toni Aquilina tiżdied mad-35 lsien ieħor li diġà nqalbet fihom.

L-Alla tal-Ħerba jista' jinkiseb mill-pubblikatur innifsu u minn ħwienet ewlenin f'Malta u Għawdex. Għal aktar informazzjoni ċemplu 99820157 jew ibagħtu emejl fuq info@faraxapublishing.com

# "L-GĦANJA TAT-TIFKIRA" *(damma ta' poeżiji) tal-Kav Joe M Attard*




Qatt ma ġabarhom fi ktieb imma dan l-aħħar fuq insistenza ta' ħafna ħbieb, qabad salt minnhom u ħariġhom f'pubblikazzjoni pulita u attraenti. Żgur li ħafna Għawdxin u anke Maltin qegħdin hemm għax forsi kellhom xi anniversarju tat-tieġ, riedu xi poeżija għal fuq is-santa tal-Funeral, kellhom xi tfal għal Preċett jew Griżma, l-istatwa titulari għalqet xi żmien, u tifkiriet oħra. Ma jonqsux ċerti appuntamenti li l-poeta jżomm ta' kull sena bħalma huma l-Karnival, Il-Milied, il-festi titulari fil-Belt Victoria, San Gorg u Santa Marija, l-iStilla tal-maltemp, il-Kunċizzjoni u tant u tant okkażjonijiet oħra. Jidher li l-Kav Joe M Attard jista' jissejjaħ il-Poeta tal-Kummissjoni u tal-okkażjoni, għax il-biċċa l-kbira tal-poeżiji tiegħu jidhru li nkitbu wara li l-Poeta ġie avviċinat biex jagħmel dan. Juża ħafna l-vers tat-tmienja, vers popolari u mexxej, u rari jitbiegħed minnu. Poeżiji oħra jfakkru xi avveniment bħas-Sette Giugno, il-kxif tal-Funtana li nsibu qabel nibdew neżlin lejn ix-Xatt tal-Imġarr, it-Traġedja tat-30 ta' Ottubru 1948, it-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Każin tal-Banda San Girgor f'Ta' Kercem flimkien ma' tant u tant oħrajn.

Il-ktieb huwa mqassam f'ħames partijiet: Okkażjonijiet Speċjali bħal ngħidu aħna 'L-Ewwel Quddiesa Ta' Rev Geoffrey George Attard (iben l-awtur); Anniversarji bħal ngħidu aħna 'L-Isptar Casa Sollievo della Sofferenza Jagħlaq 50 Sena'; Il-Festi Tagħna bħal 'San Gorġ', 'Santa Marija'; F'Jum il-Mewt bħal ngħidu aħna 'Addio Carol' –mewt il-Papa Gwanni Pawlu t-Tieni; u l-aħħar taqsima, Mixxellanja, u allura din tiġbor fiha ftit minn kollox bħal ngħidu aħna, 'Żjara lill-President ta' Malta mill-GRTA, Għawdex Ġawhra u oħrajn.

Prosit lil Joe Żammit Ciantar li tassew ipproduċa ktieb sabiħ b'karta u tipa fina u xi illustrazzjonijiet. "L-Għanja tat-tifkira" li għandu studju qasir mill-Professur Oliver Friggieri, naħseb li wieħed jieħu gost jaqrah għax jitkellem mill-ħajja soċjali tal-Għawdxin bil-ferħ u n-niket tagħhom waqt li jittratta wkoll suġġetti oħra ħfief bħal Paċi, il-Ħajja, iż-Żgħożija, id-Dinja ta' madwarna u temi oħra li ma tiddejjaqx taqra dwarhom. Jinkiseb mill-ħwienet ewlenin inkella b'telefonata m'għand l-awtur 21551325/79551325. Jinbiegħ tmien ewro imma żgur li jiswa ħafna iktar!

# SERATA F'ĠIEĦ OLIVER FRIGGIERI

Biex jingħata ġieħ tas-sehem tiegħu fil-letteratura Maltija, l-Uffiċċju tal-Kultura, fil-Ministeru għal Għawdex, flimkien ma' Mario Micallef, bi pjaċir jippreżentaw "Serata Oliver Friggieri".

Din is-serata mużiko-letterarja, tinkludi:

- Siltiet drammatizzati mit-teleserial 'It-Tfal Jiġu bil-Vapuri'
- Qari ta' Poeżiji
- Kant
- Mużika.



Jieħdu sehem.
Qarrejja: Mario Micallef, Nathalie Micallef, Moira Muscat
Kantanta: Diane Micallef
Mużiċist/Kantant: Vince Fabri
Din is-serata sejra tittella' fl-14 ta' Settembru, 2013
Triq id-Dejqa, Rabat, Għawdex fit-8 ta' filgħaxija.
L-entratura hija bla ħlas.
Nisperaw li Mario Micallef jibgħatilna rapport ta' din is-serata biex tidher fil-ħarġa li tmiss.

***RITRATT (dan kien ittieħet f'serata li nżammet f'April tas-sena l-oħra): Mix-xellug għal-lemin: Moira Muscat, Mario Micallef, Oliver Friggieri, Nathlie Micallef, Diane Micallef u Vince Fabri. (ritratt użat bil-permess ta' Fiona Mallia).***

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Għażiż Paul, Grazzi tal-Folju interessanti li tibagħtilna. Bis-saħħa tiegħu nibqgħu f'kuntatt magħkom minn Malta. Inħeġġiġkom biex fih tibdew tippubblikaw xi xogħlijiet milli jkunu nqraw waqt il-laqgħat tagħkom ta' kull xahar. Fl-aħħar Folju pereżempju semmejt diversi poeżiji u ħajki miktuba minn ħbieb tal-Malti fl-Awstralja, u espressjonijiet bil-Malti miġbura minn Dr Sammut. B'hekk, minn Malta nkomplu nkunu nafu x'attivitajiet torganizzaw u nkunu nistgħu napprezzaw aktar dawn ix-xogħlijiet tagħkom. Tislijiet,
**Thomas Pace**

Ghaziz Paul, Prosit Paul. Newsletter li jaghmel riklam tajjeb ghall-imhabba li ghandna, ahna l-Maltin Imsifrin, lejn l-ilsien u l-letteratura taghna. Din in-Newsletter hi specifikament ibbazata fil-Victoria. Fi NSW ma ghandniex ghaqda bhal il-Maltese Literature Group ta' Victoria.
**Mark Caruana**

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# ‘Il-KANTIKU TAX-XAGĦRA’

## — *Ġabra ta’ poeżiji tal-ex Imħallef JJ Cremona*

Xi ftit taż-żmien ilu, il-Klabb Kotba Maltin ippubblika l-ktieb tal-poeżiji ‘Il-Kantiku tax-Xagħra’, li ħareġ mill-pinna tal-kittieb Għawdxi mwieled ix-Xagħra fis-6 ta’ Jannar 1918 John J Cremona magħruf għall-karriera importanti tiegħu bħala ġurist fl-oqsma sew nazzjonali kemm internazzjonali u li fassal il-Kostituzzjoni ta’ Malta. Iżda minn dak li qrajt, dan il-kumpajżan tagħna, li jien qatt ma ltqajt miegħu għalkemm illum jgħodd mal-95 sena, għamel ukoll isem sabiħ għalih u għal pajjiżna fil-Letteratura tant li wħud mill-poeżiji tiegħu ġew tradotti wkoll f’għadd ta’ ilsna oħra. Ħareġ seba’ kotba tal-poeżija li huma: Eliotropi (bit-Taljan fl-1937), Songbook of the South (bl-Ingliż fl-1940), Malta Malta (bl-Ingliż fl-1992), Mas-Sebħ Għasafar (bil-Malti fl-2004), Ekwinozju (bil-Malti fl-2006), Poesie-Poems-Poeżiji (fi tliet ilsna fl-2009) u propju matul l-2012 il-ktieb bil-poeżiji bil-Malti Il-Kantiku tax-Xagħra li dwaru ħa ngħidu xi ħaġa llum.

Imma qabel ngħidu xi ħaġa dwar din l-aħħar pubblikazzjoni ta’ dan ‘il-poeta magħruf’, tajjeb li tkunu tafu li John J Cremona beda l-karriera poetika tiegħu qabel il-gwerra, l-ewwel f’Malta u mbagħad f’Ruma mnejn kiseb id-Dottorat fil-Letteratura. Hemm ukoll kien jippubblika l-poeżiji tiegħu bit-Taljan f’xi wħud mill-aħjar rivisti, rebaħ darbtejn premju fil-Mostra Nazionale di Poesia Contemporanea u ġie tradott bil-Franċiż minn Jeanne Tisseau f’La Revue Nationale ta’ Brussell, li ddeskrivietu bħal wieħed mill-kapijiet tal-moviment letterarju żagħżugħ. Ta’ min jgħid li l-poeżiji tiegħu (bl-Ingliż) dehru wkoll f’xi wħud mill-aħjar rivisti Ingliżi, Awstraljani u Amerikani kif ukoll kien ġie mistieden biex ikun il-poeta li jirrappreżenta lil Malta fl-Antoloġija prestiġjuża tal-English Association, Commonwealth Poems Today, u dan lura fis-sena 1967. Dan il-poeta Xagħri kien għal bosta snin Viċi President tal-International Poetry Society tal-Ingilterra meta kellha bħala President tagħha lil Christopher Fry. Poeżija tiegħu kienet ġiet moqrija mill-Poet Laureate Ingliż Cecil Day-Lewis fl-1969, u xi snin wara, fl-1992, waħda mill-poeżiji tiegħu tal-Gwerra, li iktar tard kienet ġiet ukoll immużikata minn Charles Camilleri, kienet inqrat mir-Reġina Elizabetta t-Tieni waqt l-Inawgurazzjoni Uffiċjali tas-Siege Bell Memorial.

Il-ktieb li għandna f’idejna, sponsorjat mill-Bank of Valletta, għandu biblijografija ta’ Mary Sammut-Tagliaferro u mżewwaq b’pitturi ta’ Luciano Micallef. L-awtur jaqsam il-poeżiji tiegħu f’erba’ taqsimiet: Il-Kantiku tax-Xagħra, Rabta, Fi Pjazza Battala, u Il-Ħajja. Jinqeda b’versi liberi u maħlula u r-rima ftit li xejn tagħmel bih; tistenniex ngħidu aħna l-versi tas-sitta, tat-tmienja jew tal-ħdax, li ngħid għalija jien jinżluli għasel. Il-poeta jħossu komdu jitkellem mal-qarrejja tiegħu u jesprimi dak li jħoss waqt li jagħmel użu wkoll minn kliem safi u pur li bih hija għanja l-lingwa tagħna. Fit-tieni taqsima tal-ktieb jinħass in-nuqqas ta’ martu Beatrice li issa ħallietu waħdu; ‘Lil Marti’, ‘Eleġija għal Beatrice’, ‘Int Mort u ħallejt dellek’ – dan biex nagħti xi eżempji. Jidher li l-mewt ta’ martu ispiratu għal għadd ta’ poeżiji liriċi li ftit jeżistu bħalhom meta tqalleb il-kotba tal-poeżija! Anton Buttiġieġ ukoll jidher li l-mewt tas-sieħba kienet tatu ġewwa sew. Mill-ewwel taqsima mbagħad nixtieq nislet il-poeżija ‘Ħija Edgar’ li milli nista’ nifhem il-poeta tilfu meta kien għadu daqsxejn ta’ tarbija. Isimgħu lill-poeta fin-nostalġija tat-tfulija.

Lil Edgar ċkejken ħija
niftakru sewwa iżda kemm kemm nafu
għax miet kważi tarbija.
Niftakar li fix-xemx
Kien jagħfas għajnejh żoroq għax isibha
wisq qawwija
iżda b’dan kollu kien jidħkilha, kien
jitkaxkar fl-art jistagħġeb
bin-nemel jiġru mgħaġġla geġwiġija,
kien jilgħab mal-qattus sakemm jigirfu,
kien jorqod dritt wara l-avemarija
jitbissem joħlom b’ħafna ħlejjaq oħra
li jittawlulu minn
wara l-purtieri
sakemm ħaduh ġo karru miżbugħ abjad
b’anġlu żgħir ikrah waħx
fuq kull waħda mill-erba’
kantunieri.

Naħseb li dan huwa eżempju tal-poeżija moderna f’Malta li ħiereġ mill-pinna ta’ kittieb li kiser sewwa d-disgħin. Kif jistqarr l-istudjuż u kritiku Charles Briffa, ‘jekk il-ġrajja legali ta’ pajjiżna turi l-kobor ta’ Cremona bħala figura pubblika, il-kritika letterarja trid tispjegah bħala bniedem sensittiv.....l-ex imħallef ifittex iċ-ċarezza fl-espressjoni billi jinqeda bi xbihat preċiżi bħala elementi bażiċi’. Jien mhux se noqgħod nikkummenta fuq kull taqsima tal-ktieb għax inkella ntawwal ħafna; inħalli għalikom li taqrawh u taraw x’hemm mistur bejn il-versi ta’ dan il-kittieb Għawdxi mgħobbi bis-snin u bl-esperjenza tal-ħajja. Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nisselle f xi ftit minn dak li kiteb dwaru l-awtur u kittieb Victor Fenech.

## HENA IMFIXKLA ĦESREM

Smajthom dalgħodu ipespsu bil-ferħ
Wara lejl rieqda qalb friegħi, mistura
Fi rkejjen mit-tkerċiħ milqugħa,
Ferħana kif stenbħu wara lejl ta’ serħ.

’Mma mhux hekk jiena minn wara t-tieqa,
Naħseb fuq dak li issa qed inġarrab,
Id-dwejjaq minn fuqi nara kif inwarrab,
Biex jekk jista’ jkun intaffi did-diqa.

Ftit ilu kont hieni ingawdi is-sliem,
Illum nilmaħ niket li qed joqrob lejja,
Jittanta jisraqli imħabbti minn ħdejja,
B’marda kiefra moqdi li taħkem bla lġiem.

Iżd’ għasafar ċkejkna, pespsu fis-siġar,
Gawdu ħajjitkom taħt sema kaħlani,
Għanjitkom tferraħ għani jew qattagħni,
Tnessikom għall-ftit ta’ dil-ħajja l-imrar.

Pespsu u għannu, ttajru geġwiġija,
Ifirħu, thennew bi frieħkom fil-bejta,
Ħajja qasira, kollha nisfaw mejta,
U l-aħjar ħaġa tkun li ngawdu l-bqija.

**Charles Formosa**

John J Cremona jibqa' magħruf għall-ħajja professjonali tiegħu. Kien Prim Imħallef u Viċi President tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa wkoll il-bniedem li fassal il-Kostituzzjoni l-ġdida meta Malta kisbet l-Indipendenza mir-Renju Unit fl-1964 u anki l-awtur ta' għadd ta' pubblikazzjonijiet ta' xejra kostituzzjonali. Imma Cremona huwa wkoll poeta tal-ogħla grad, poeta pur fi tliet lingwi (Taljan, Ingliż u Malti) u surmast f'kull waħda minnhom.

Il-kittieb Żebbuġi li m'għadux magħna, Frans Sammut, lil John J Cremona jsejjaħlu Missier il-poetika Maltija moderna.

# IL-LAQGĦA TA' LULJU

Din kienet l-aħħar laqgħa għax-xitwa li tinżamm wara nofsinhar flok filgħaxija. Kellna attendenza mhux ħażin. Preżenti kienu Ray Anastasi, Marie Louise Anastasi, Victor Sammut, Paul Vella, Salvina Vella, Michael Xuereb, Manwel Cassar, Josephine Cassar, Bernadette Cassar, Joe Lofaro, Rose Lofaro, Fredu Cachia, Vicki Cachia u Frank Bonett. Apoloġiji: Rosemary Attard, Charles Attard, Maria Catania, Armando Catania, Fr Dom Degiorgio.

Sar qari minn dawk preżenti: Manwel Cassar qara żewġ poeżiji mill-ktejjeb ta' Dr Emmanuel Attard Cassar, "Vacanze Romane". Dawn kienu "Roma" u "Magnificenza". Fl-aħħar poeżija issemmiet il-kelma "internet" u minħabba li ħadd ma kellu spjegazzjoni għaliha, Paul offra li jikteb lil Emmanuel u jitolbfu jfissirha għalina u malli Paul kitiblu Emmanuel Attard-Cassar kien pront u bagħat l-ispjegazzjoni mixtieqa u nirringrazzjawh. Wara Manwel qralna poezija bl-Ingliz "Gold" ta' Donald Hall. Huwa spiċċa billi qralna poeżija ta' Sergio Grech mir-Rivista tal-Akkademja tal-Malti, "Ħobbni". Victor Sammut qara l-poeżija bit-Taljan ta' Dr Emmanuel Attard-Cassar, mill-istess ktejjeb li semmejna qabel, "San Francesco" u l-poeżija "Bint it-Triq" ta' Gorg Zammit. Fredu Cachia qralna żewġ poeżiji miktuba minnu stess: "Organ Donor" (poeżija bil-Malti) "Pegasus" ukoll bil-Malti. Frank Bonett: "Il-Ħlewwa tan-Natura". Michael Xuereb qralna poeżija oriġinali tiegħu: "Xaqq Dawl". Michael kellimna fuq l-iskultur Malti, illum mejjet, Antonio Agius, li kien imur jgħum miegħu f'Miġra Ferħa, li għalih kiteb din il-poeżija. Marie Louise Anastasi qrat il-proża "Ir-Risq Ħażin ta' Sylvia Pisani" ta' Dr Lou Drofenik li deheret fil-programm tal-Lejla Mużiko-Letterarja ta' 2007. Ray Anastasi qara l-poeżija tal-membru Vince Anastasi li llum m'għadux magħna, "il-Laqam".



Ray tkellem fuq telefonata li kellu ma' Mario Azzopardi li bħalissa jinsab fuq żjara f'Melbourne minn Malta li qed jagħmel proġett dwar it-tejatru Malti.

Marie Louise Anastasi għamlet rimarka dwar ittri li jirċievi Paul Vella minn Malta dwar il-Folju u l-Grupp tagħna fejn ifaħħru x-xogħol li qed nagħmlu għall-Ilsien Malti. Manwel Cassar qal li tkun ħaġa sabieħa jekk dawk ta' Malta, meta jagħmlu xi ħaga, jiftakru fil-kittieba Maltin li jgħixu barra. Josephine Cassar qalet li tixtieq li jidher xi xogħol tal-membri tagħna fil-folju. Paul qal li kważi f'kull ħarġa jidher xi materjal mill-membri tagħna, infatti fil-Folju tax-xahar l-ieħor kien hemm poeżija ta' Fredu Cachia.

***Fir-ritratt, mix-xellug għal-lemin, jidhru (fuq quddiem): Manwel Cassar, Fredu Cachia, Bernadette Cassar, Josephine Cassar, Vicky Cachia. (Fuq wara): Paul Vella, Dr Victor Sammut, Frank Bonett, Ray Anastasi, Joe Lofaro, Michael Xuereb, Salvina Vella, Marie-Louise Anastasi u Rose***

**Il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria**

*qed jorganizza*

**PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU**

**Nhar il-Ħadd, 22 ta' Settembru**

**fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville**

**fis-2.00 pm**

*Kulħadd mistieden li jattendi u ġibu lil tal-familja u lill-ħbiebkom magħkom — **DĦUL B'XEJN***

## Ġiżimina

Ġiżimina,
bajda u fina,
l-anġli żgur lilek sawruk.

Ġiżimina,
nwar tal-kina,
stilel fl-art aħna nqisuk.

Ġiżimina,
fwieħa rżina,
dmugħ is-sħaħar, tant ngħożżuk.

Ġiżimina,
kemm tpaxxina,
xħin ma' għonqna indommuk.

Ġiżimina,
int reġina,
tal-ward kollu inqimuk.

Ġiżimina,
qatt tħallina,
għelm ta' safà, neħtiġuk!

***Lina Brockdorff 12/8/13***